**20 ta' April, 1963**

**Imħallef:**

**Onor. W. Harding, C.B.E., K.M., B.Litt., LL.D.**

**Il-Pulizija**

*versus*

Maria Aquilina

**Ġestjoni ta' azzjendi — Preponent — Prepost — Art. 93 tal-Kap. 64.**

*Fil-każ ta' azzjendi minn preposti l-preponent huwa kriminalment responsabbli għall-att jew ommissjoni tal-prepost basta li jirriżulta li l-att jew ommissjoni ikunu saru bil-konsapevolezza tal-preponent jew li versosimilment huwa ibbenefika minnhom.*

B'sentenza tagħha tal-erbgħa (4) ta' Marzu 1963 il-Qorti Kriminali tal-Maġistrati ta' Malta sabet lill-imsemmija Aquilina ħatja talli ma writx, lill-uffiċjali tad-Dwana, id-docket relativ għal flixkun Anisette minnha mixtri minn għand il-blender Camilleri, u ikkundannatha għal multa ta' għoxrin (20) lira, oltre l-konfiska tal-flixkun;

L-imputata appellat, u talbet li tiġi dikjarata mhux ħatja u assolta;

Trattat l-appell;

Ikkunsidrat:

Irriżulta li l-appellanti hi t-titolari tal-Wine & Spirits Licence ta' ħanut f'Birkirkara. Irriżulta wkoll, mill-istess xhieda tagħha, li fil-fatt dan il-ħanut hu ġestit minn żewġha. Deher ukoll li dan żewġha xtara flixkun anisette in konnessjoni mal-attivazzjoni tal-ħanut, li tiegħu, kif ġà ingħad, marth hija l-licencee. Mix-xhieda ta' Camilleri emerġa li dan kien ta d-docket *relativa* lil żewġ l-appellanti. Meta żewġ l-appellanti ġie mistoqsi mill-uffiċjali tad-Dwana, hu stqarr li kien xtara l-flixkun anisette, u, mitlub biex jipproduċi d-docket, qal li docket ma kellux. Il-każ jaqa' taħt ir-reg. 7 tan-Notifikazzjoni tal-Gvern 792/1949;

Ikkunsidrat:

**In civilibus** ma kienx ikun hemm diffikoltà li l-appellanti, bħala preponenti ta' żewġha, institur fil-ħanut **de quo** hija responsabbili għall-operat tiegħu fl-isfera tal-ġestjoni tal-ħanut. Dan hu prinċipju paċifiku in materja (ara Kollez. Vol. XXI, iii, p. 100 — Vol. XXII, iii, p. 149, fejn il-prinċipju tar-responsabilità tal-preponent ġie affermat mill-Imħ. Dr. Alfredo Parnis **qabel** il-promulgazzjoni tal-liġi l-ġdida, Att XXX tal-1927, li mbagħad inkorporatu statutarjament fl-art. illum **64**, Kap. 17, Ediz. Riv., — **ara** wkoll Vol. XXIX, ii, p. 703-**706**, u *Appell De Carlo vs. Bartolo 28.XI. 1960, inedita*);

**In criminalibus**, però, id-dikjarazzjoni ta' żewġ l-appellanti, in kwantu tirrigwarda l-imputazzjoni kontra dina, kienet tinkontra l-ostakolu tal-art. **657** Kap. 12, stante li l-ammissjoni ta' wieħed ma tistax tippreġudika lil ħaddieħor. Iżda, fil-każ ta' proċeduri taħt il-Liġi dwar li Spiriti Kap. **64**, — (u n-Notifikazzjoni tal-Gvern 792 tal-1949, taħtha inġiebet din l-imputazzjoni, hi maħruġa bis-saħħa ta' dik il-liġi) — il-leġislatur provvidu, stante li hu frekwenti l-każ ta' ġestjoni ta' az-

zjendi **minn prepo**s**ti,** kif detta l-art. 93 fil-Kap. 64, li jirrendi kriminalment responsabili l-preponent għall-att jew ommissjoni tal-prepost, basta li jirriżulta li l-att jew ommissjoni jkunu saru bil-konsapevolezza tal-preponent jew li verosimilment hu bbenefika minnhom. Issa f'dan il-każ il-kondizzjoni ta' din il-"vicarious responsibility" ivverifikat ruħha għaliex deher, mix-xhieda ta' l-istess appellanti, li hi tat **carte blanche** lil żewġha għar-rigward tal-ġestjoni ta' dan il-ħanut, — *difatti* qalet — "...dawn huma affarijiet tar-raġel għax il-ħanut jie**ħu ħsiebu hu"**. Per konsegwenza l-appellanti hi responsabili kriminalment, in bażi għal dak id-dispost speċjali, għall-operat ta' **żewġha**. (Art. 93, u art. 2, Kap. 64, — dan l-artikolu tal-aħħar jagħti s-sinifikat tal-kelma **retailer** użata fl-art. 93).

Għal dawn ir-raġunijiet tiddeċiedi billi tirrespinġi l-appell u tikkonferma s-sentenza *appellata*. Żmien għall-ħlas xahar *mill-lum.*